MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 22/2011

**Lighthouse Communications Limited**
**vs**

**Dario Azzopardi**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-24 ta' Jannar 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hamest elef, sitt mija u tnejn u hamsin Ewro, ghoxrin centezmu (€5,652.20) rapprezentanti prezz ta' servizzi moghtija lilu fuq struzzjonijiet tieghu stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propju gew notifikati lilu fil-5 t'Ottubru 2011, u dana skond ir-riferta posittiva tal-Marixxal John Francica datata 5 t'Ottubru 2011 (fol 14 tergo).

Illi fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2011 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 16).

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2011 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta' l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, sitt mija u tnejn u hamsin Ewro, ghoxrin centezmu (€5,652.20) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------